MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Numru. 99/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Francis Ventura**

Numru: 99/2012

Illum 5 ta' Frar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Francis Ventura**, bin Giuseppe u Mary neé O'Brein, residenti 41, Urama, Triq Trincetto, Mosta, Malta, mwieled fit-13 ta' Mejju 1943, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 364243(M) akkuzat talli fis-17 ta' Frar 2012 ghal habta ta'

19.15hrs waqt li kien involut f'incident stradali gewwa Triq in-Nadur, fil-limiti maghrufa bhala Ta' Xhajma, Ghawdex:

1. involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Peter Paul Camilleri hekk kif iccertifika Dr. Julian Portelli mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. involontarjament ghamel hsara fuq il-vettura ABJ 145 tal-ghamla Yamaha ghad-dannu ta' Peter Paul Camilleri;

3. saq vettura FMV 772 tal-ghamla Kia b'mod traskurat u negligenti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 164) datata 4 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 226(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 328(b) u (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tallum, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' Dicembru 2013, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2013, lill-kwerelant Peter Paul Camilleri jiddikjara li ma kellux interess f'dawn il-proceduri, li kien qed jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u li kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, tiddikjara l-procediment ezawriet, *stante* rinunzja, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------